MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 45/2012/1

**The Performing Right Society Limited ta’ Londra l-Ingilterra, rapprezentata lokalment mill-agent taghha Dingli Co. International Limited (C-7692)**

**v.**

**One Productions Limited (C-12946)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li s-socjeta` attrici pprezentat fis-16 ta' Jannar 2012, li jaqra hekk:

"1. Illi s-socjeta rikorrenti hija debitament awtorizzata mill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur, ai termini tar-regolamenti tal-2004 dwar il-Kontroll tat-Twaqqif u l-Operazzjoni tas-Socjetajiet ghall-Amministrazzjoni Kollettiva tad-Drittijiet tal-Awtur (Avviz Legali 425/2003) sabiex tagixxi f'Malta bhala "collecting society" (kif jirrizulta mill-estratt tal-Gazzetta tal-Gvern hawn annessa u markata Dok. PRS 1).

"2. Illi s-socjeta intimata, sew permezz tal-istazzjon tar-radju taghha li jgib l-isem "One Radio" u li kien iqib l-isem "Super One Radio", liema stazzjon jittrasmetti terrestrjalment minn Malta fuq il-frekwenza lilha allokata 92.7 Mhz FM, kif ukoll permezz tal-istazzjon tat-televizjoni taghha li jgib l-isem "One", liema stazzjon jittrasmetti ukoll terrestrjalment minn Malta fuq UHF Channel 43 xandret f'Malta, fil-kas tal-istazzjon tar-radju fuq imsemmi sa mill-23 ta' Settembru, 1998 (f'liema data giet ipprezentata c-citazzjoni precedenti ghat-trasgressjoni tad-drittijiet tal-awtur illi ggib in-numru ta' citazzjoni 1870/1998/GC) u fil-kas tal-istazzjon tat-televizjoni fuq imsemmi sa mill-25 ta' Frar, 1994 (id-data illi fiha l-istazzjoni televiziv de quo beda jxandar) u ghadha qeghda xxandar f'Malta, diversi xogholijiet muzikali tutelati ossija "copyright' u debitament ikkontrollati mis-socjeta attrici, fir-rigward ta' liema xogholijiet l-istess socjeta rikorrenti tgawdi l-kontroll esklussiv tal-att tax-xandir f'Malta skond il-Ligi.

"3. Illi ghal fuq imsemmi xandir is-socjeta intimata ma kenitx applikat ghal, u wisq anqas ottjeniet, il-licenza relattiva minn ghand is-socjeta rikorrenti, sew in kwantu detentrici tad-drittijiet tal-awtur kif ukoll in kwantu "collecting society" awtorizzata kif fuq premess, skond kif kien mehtieg li taghmel a tenur tad-

disposizzjonijiet tal-artikolu 42(1)(a) tal-Att Dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur (Kapitlu 415).

“4. Illi b'hekk is-socjeta intimata giet illi ttrasgredixxiet u ikkontravjeniet u ghadha qeghda tittrasgredixxi u tikkontravjeni d-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fl-istess socjeta attrici.

“5. Illi s-socjeta intimata qeghda ripetutament, kontinwament u persistentement tittrasgredixxi u tikkontravjeni d-drittijiet tal-awtur vestiti fis-socjeta rikorrenti, u dana minkejja d-diversi sentenzi gja moghtija minn din l-istess Onorabbli Qorti, kopja legali ta' liema huma hawn annessi u markati Dok. PRS 2 (a) u Dok. PRS 2 (b).

“6. Illi b'konsegwenza ta' din it-trasgressjoni u kontravvenzjoni flagranti u sfiqa da parti tas-socjeta intimata tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta rikorrenti, sofriet danni konsiderevoli senjatament in-nuqqas tal-hlas tar-"royalties" lilha dovuti skond it-tariffi taghha vigenti (Dok. PRS 3) waqt il-perjodu kollu ta' trasgressjoni, kif dawn l-istess tariffi huma wkoll debitament ufficjalment approvati mill-imsemmi Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur.

“7. Illi nonostante s-socjeta intimata giet interpellata diversi drabi, anke gudizzjarjament, sabiex tottempora ruhha mal-Ligi, billi tapplika ghal u tottjeni l-hrug tal-licenzja relattiva, l-istess socjeta intimata baqghet ghal kollox inadempjenti u sahansitra wkoll esponiet ruhha ghal disprezz lejn l-awtorita ta' din l-istess Onorabbli Qorti fir-rigward ta' liema disprezz qieghed jigi mitlub kontestwalment illi jittiehdu l-proceduri opportuni skond il-Ligi.

“Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, is-socjeta rikorrenti titlob umilment lii din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

> “1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta intimata ittrasgredixxiet u ikkontravjeniet id-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta rikorrenti billi sew permezz tal-istazzjon tar-radju taghha li jgib l-isem "One Radio" u li kien igib l-isem "Super One Radio", liema stazzjon jittrasmetti terrestrjalment minn Malta fuq il-frekwenza lilha allokata 92.7 Mhz FM, kif ukoll permezz tal-istazzjon tat-televizjoni taghha li jgib l-isem "One", liema

stazzjon jittrasmetti ukoll terrestrjalment minn Malta fuq UHF Channel 43, xandret f'Malta, fil-kas tal-istazzjon tar-radju fuq imsemmi sa mill-23 ta' Settembru, 1998 (f'liema data giet ipprezentata c-citazzjoni precedenti ghat-trasgressjoni tad-drittijiet taI-awtur illi ggib in-numru ta' citazzjoni 1870/1998/GC) u fiI-kas taI-istazzjon tat-televizjoni fuq imsemmi sa mill-25 ta' Frar, 1994 (id-data illi fiha I-istazzjoni televiziv de quo beda jxandar) u ghadha qeghda xxandar f'Malta, diversi xogholijiet muzikali tutelati ossija "copyright" u debitament ikkontrollati mis-socjeta attrici, fir-rigward ta' liema xogholijiet I-istess socjeta rikorrenti tgawdi l-kontroll esklussiv tal-att tax-xandir f'Malta skond il-Ligi;

"2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta rikorrenti bhala konsegwenza ta' din it-trasgressjoni u kontravenzjoni da parti tas-socjeta intimata fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta rikorrenti;

"3. Tiffissa dawk id-danni addizzjonali illi I-kaz de quo gustament jehtieg u dan in vista tac-cirkostanzi kollha inkluza partikolarment iI-flagranza tal-kontravenzjoni u kif ukoll kull beneficcju li mar favur is-socjeta intimata in vista tat-trasgressjoni u kontravenzjoni u dan kif inhuwa stipulat fl-Artikolu 43(2) tal-Kapitlu 415 tal-Ligijiet ta' Malta;

"4. Tikkundanna lis-socjeta intimata sabiex thallas lis-socjeta rikorrenti kemm dik is-somma illi tigi hekk likwidata in linea ta' danni sofferti mis-socjeta rikorrenti bhala konsegwenza tat-trasgressjoni da parti tas-socjeta intimata tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta rikorrenti ai termini tat-tieni talba; u

"5. Tikkundanna lis-socjeta intimata sabiex thallas ukoll lis-socjeta rikorrenti dik is-somma rapprezentanti d-danni addizzjonali illi din I-Onorabbli Qorti joghgobha taghti ai termini tat-tielet talba;

"6. Tinibixxi lis-socjeta intimata milli xxandar f'Malta dawn ix-xogholijiet muzikali kollha tutelati ossija "copyright" u ikkontrollati mis-socjeta rikorrenti, sew permezz tal-fuq imsemmi stazzjon tar-radju kif ukoll permezz tal-fuq imsemmi stazzjon televiziv u dana sakemm ma tkunx applikat ghal u ottjeniet il-hrug tal-licenzja relattiva minn ghand is-socjeta

rikorrenti u dana a bazi u ghall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta', kemm tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap. 415) kif ukoll tal-Att li Jirregola l-Infurza ta' Drittijiet ta' Proprjeta' Intelletwali (Kap. 488) taht il-pieni komminati mil-ligi ghall-hatjin ta' disprezz lejn l-Awtorita tal-Qorti ghal kull eventwali infrazzjoni tal-ordni li tigi moghtija fuq din id-domanda.

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest gudizzjarju datat 14 ta' Dicembru, 2008 (kopja ta' liema hija hawn annessa u markata Dok. PRS 4 ) kif ukoll tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Lulju, 2008 kontra s-socjeta intimata u l-ufficjali taghha illi min issa huma ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet:

“1. Preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili.

“2. Preliminarjament ukoll l-atturi ghandhom jindikaw car liema drittijiet tal-awtur qeghdin jaghmlu riferenza ghalihom fil-kawza taghhom. Huma ghandhom ukoll jaghtu prova skond il-ligi li effettivament jiddetjenu dawn id-drittijiet tal-awtur.

“3. L-attur nomine ghandu wkoll jipproduci kopji awtentici tad-deeds of assignment tad-drittijiet tal-awtur li jiddetjenu u dwarhom qed jippretendu d-danni, kif ukoll prova li c-cessjonanti setghu jiddisponu mill-jedd in kwistjoni.

“4. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

“5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni;

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju 2014, li in forza taghha laqghet l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta dwar preskrizzjoni relattivament ghal perjodu qabel is-16 ta' Jannar 2010, bl-ispejjez rizervati ghad-decizjoni finali;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> **"Provi**
>
> "Charmaine Briffa xehdet li hija Manager mas-socjeta Dingli Co. Int. Ltd li hija l-agent f'Malta tas-socjeta rikorrenti. Din tirraprezenta lil kompozituri u l-awturi tal-muzika li huma membri taghha ghal dawk ix-xogholijiet muzikali illi dwarhom l-istess drittijiet tawtur ikunu gew assenjati lis-socjeta rikorrenti. Il-PRS tavvicina l-istabbilirnent li jaghmlu uzu mill muzika li jidhlu fir-repertorju taghha biex tirrilaxxjalhorn licenzja. F'kaz li xandar ma jiehux licenzja huma jigbru evidenza ta' trasgressjoni minnu tad-drittijiet tal-awtur biex jittiehdu proceduri legali kontra tieghu.
>
> "Mas-socjeta intimata ma kienx intlahaq ftehim u nonostante dana, is-socjeta intimata baqghct ixxandar xogholijiet tutelati mill-PRS. Kienet saret irtra ufficjali fil-15 ta Lulju 2008, kif ukoll Protest Gudizzjarju prezentat fil-14 ta' Dicembru 2010 (Dok. PRS5 u PRS4 a fol. 66 u 63).
>
> "Kien sar monitoring tat-trasgressjonijiet mis-stazzjon tar-Radio 'One Radio' u minn 'One TV' (Dok. CB1 u CB2 a fol. 86 u 89).

“Il-proceduri prezenti infethu fis-16 ta' Jannar 2012. Fl-istess data gie prezentat rikors fejn intalah li jittiehdu proceduri ghal disprezz billi l-intimati kisru l-inibizzjoni ordnata mill-Qorti fis-sentenza tal-10 ta' Gunju 2005.

“Kienu inghataw zewg sentenzi kontra l-intirnati ghal transgressjonijiet separati imma simili (fol. 40 u 52) fuq proceduri istitwiti mis-socjeta rikorrenti.

“It-Tariffa applikabbili hija dik immarkata BC fid-Dok. PRS3 (fol. 60).

“Tikkonferma li kemm ilhom ixandru l-intimati huma qatt ma hallsu drittijiet tal-awtur lill-PRS.

“Fl-affidavit taghha Karen Estelle Fishman xehdet dwar kif tahdcm il-PRS u l-licensing activities taghha.

“Thaddeus Scerri. in rappresentanza tas-socjeta RSM Malta, xehed li hu ghandhu l-accounts ta' One Radio minn 1999 sa 2001 u tal-kumpanija intimata minn 2005 sat 2010. Hu ghandu in-net advertising revenue tal-kumpanija li pero mhux maqsum bejn radio u television. lzda l-kumpanija jkollha attivitajiet ohra bhla teleshopping. Hu pprezenta d-dokument TD1 (fol. 815) fejn hemm financial statement tar-revenue ta' One Productions Ltd izda ma tiddistingwiex bejn radio u television.

“Michelle Bonello, direttur fl-Ufficcju tad-Dipartiment tal-Kummerc, ipprezentat it-tariffi li gew pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-2007 skont decizjoni tal-Copyright Board Dok MB1 fol. 774). Spjegat li l-ewwel jigu publikati t-tariffi ghal li jista' jkun hemm oggezzjoni ghat-tariffi, jinghataw 60 gurnata biex jilqghu l-oggezzjonijiet u jekk ma jkunx hemm it-tariffi jigu accettati, imbaghad tinghata d-decizjoni u t-tariffi jigu publikati. Qalet li s-socjeta PRS hija approvata bhala collecting society.

“Dr. Simon Manicolo ippresenta l-licenzja kumrnercjali Dok SM1 (fol. 828) tal-kumpanija intimata. Ghandhom licenzja valida mill 2011 sal 2016. Qabel

kellhom ukoll licenzja. L-intimati kellhom licenzja mill-bidu nett cioe minn 199) u r-radio ftit qabel ghax kienu bdew bir-radio.

**“Kunsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

“Illi l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta intimat li t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili.

“L-artikolu 2153 jipprovdi li l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati breat taqa bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn.

“L-artikolu 2156(f) ighid li l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa, skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.

“Illi fil-kaz in ezami s-socjeta intimata qatt ma applikat ghal licenzja minghand is-socjeta rikorrenti ghal muzika li kienet ixxandar fuq il-mezzi tax-xandir taghha. Ghalhekk is-socjeta rikorrenti qed tippretendi u qed titlob danni sofferti minnha bhala konsegwenza tat-trasgressjoni da parti tas-socjeta intimata fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur fix-xogholijiet muzikali vestiti fis-socjeta rikorrenti u danni addizzjonali in vista tal-kontravvenzjoni kif stipulat fl-artikolu 43(2) tal-Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta  li jghid hekk:

> ““Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tista' f’azzjoni ghall-ksur tad-drittijiet tal-awtur, drittijiet vicini jew drittijiet sui generis filwaqt li iqis ic-cirkostanzi kollha u b’mod partikolari l-flagranza tal-kontravvenzjoni u kull beneficcju li jmur favur il-konvenut minhabba fil-kontravvenzjoni, taghti dawk id-danni addizzjonali skont mal-kaz partikolari jista’ jkun gustament jehtieg.”

“Illi s-socjeta rikorrenti tissottometti li dina l-azzjoni m’hijiex semplici talba ordinarja ghall-hlas ta‘ danni skond il-Kodici Civili, ex delictu vel quasi delictu, izda hija wahda ghal trasgressjoni ta‘ drittijiet tal-awtur, liema trasgressjoni tirradika azzjoni ad hoc u sui generis prevista mill-Kapitoli 415 u 488 tal-Ligijiet

ta‘ Malta. Din l-azzjoni hija komparabbili mall-azzjoni prevista fil-Kap. 416 (Trade Marks) u Kap. 417 (Patents). Dawn l-istituti huma regolati minn ligijiet specjali u fil-kaz tal-Kap. 416 u 417 il-perjodu preskrittiv huwa ta’ hames snin (ara art. 48(1) tal-Kap. 417 u art. 88 tal-Kap. 416). Il-legislatur ried li taht dawn il-kapi fil-kaz ta’ trasgressjoni ta’ proprjeta intellettwali din tkun regolata diversament mill-Kodici Civili.

“Is-socjeta rikorrenti targumenta ghalhekk li la darba l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur ma jsemmix perjodu preskrittiv, u la darba l-ligijiet l-ohrajn (Kap. 416 u 417) jillimitaw il-preskrizzjoni ghal hames snin, allura ghandu japplika l-perjodu preskrittiv ghall-azzjonijiet kollha ta’ 30 sena.

“Illi s-socjeta rikorrenti taqbel li l-Kap. 415 u l-Kap. 488, a differenza tal-Kap. 416 u 417 ma jsemmux perjodu preskrittiv u ghalhekk issostni li ghandu japplika l-perjodu preskrittiv ghall-azzjonijiet kollha ta’ 30 sena jew inkellha japplika dak taht il-Kap. 416 u 417.

“Illi hu accettat li fejn ma hemm xejn specifikat fil-ligi, Qorti ma tistax tapplika ligi ohra minflok jew b’analogija. Ghalhekk mhux permess li istitut jitwessa b’analogija, tixbieh jew tehid u li tittiehed inizzjativa li ma hix moghtija lilu mill-ligi. Il-principju bazilari fid-dritt Ruman “Ubi lex voluti dixit, ubi noluit tacuit”. Li kieku l-legislatur ried jipprovdi xorta ohra dan seta’ jaghmlu liberament imma f`dan il-kaz ma ghamlux. (**Av. Adrian Delia noe vs European Insurance Group Limited**, PA 04/02/2013; **AIC Joseph Barbara et vs Onor. Prim’ Ministru**, Kost 17/10/2007; **Frank Fenech vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**, App 28/09/2012; **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**, App 30/11/2012).

“Fil-kaz odjern il-legislatur ma pprovdiex periodju preskrittiv taht il-Kap. 415 u 488 ghalhekk il-Qorti ma tistax tapplika perjodu preskrittiv minn ligi ohra avolja dina tista’ tkun simili. Jigi rilevat ukoll li l-Kodici Civili ma jipprovdiex periodju preskrittiv wiehed ghall-azzjonijiet kollha imma hemm diversi tipi ta’ preskrizzjonijiet applikabbili, kemm qosra kif ukoll twal. Billi f’dan il-kaz il-Kap. 415 u Kap. 488 ma jipprovdux perjodu preskrittiv specifiku, ghandu japplika l-perjodu preskrittiv ghal azzjoni ghal danni skont il-Kodici Civili. Perijodu preskrittiv ta’ tletin sena ghal danni ma jezistiex.

“Il-kawza hija talba ghal danni extra kontrattwali ghalhekk japplika l-artikolu 2153 dwar preskrizzjoni ta' sentejn. Dan qed jinghad billi ma hemm ebda relazzjoni kontrattwali antecedenti bejn il-partijiet li vvinkolathom u li a bazi tieghu qed jintalbu d-danni. In fatti l-premessi u talbiet attrici mhux mibnija fuq tali relazzjoni izda wahda de iure naxxenti minn drittijiet tal-awtur protetti mill-ligi kontra uzu abusiv taghhom minn terzi. Id-danni allegati jinsorgu minn uzu mhux awtorizzat ta' proprjeta intellettwali ta' terzi li ghalih it-terz kif rapprezentat f'din il-kawza qed jitlob il-hlas skond il-ligi konsistenti fit-telf soffert minhabba l-infrazzjoni. Tali danni huma wkoll regolati bil-ligi in kwantu quantum (ara **The Performing Rights Society Ltd vs Tal-Lira 2 Ltd**, PA 03/12/2013).

“Illi s-socjeta rikorrenti ssostni li s-socjeta intimata ilha tittrasmetti permezz tal l-istazzjon tar-radju mill-23 tal Settembru,1998 u mill-istazzjon tat-televizjoni sa mill-25 ta’ Frar, 1994 u ghadha hekk tittrasmetti, diversi xogholijiet muzikali tutelati bil- "copyright'. Illi s-socjeta rikorrenti diga ottjentiet sentenzi kontra s-socjeta intimata fuq ksur ta' copyright ghal perjodu minn meta s-socjeta intimata bdiet topera (ara **Dingli Co. International Ltd noe vs One Productions Limited**, App Civ 15/07/2010; u **L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli noe vs Rainbow Productions Ltd**, PA 06/10/2005).

“Illi fil-kaz odjem s-socjeta rikorrenti ghamlet monitoring tat-trasgressjonijiet li komplew isiru wara dawn iz-zewg sentenzi mis-stazzjon One Radio u minn One TV nonostante dawn il-kawzi imsemmija u l-inibizzjoni, u pprezentat dokumenti a fol 86 sa 89 Dok. CB 1 u CB2 tal-muzika li ndaqqet. Dawn it-trasgressjonijiet jirrigwardaw il-perjodu 5/4/2009 u 19/6/2009 u minn 1/12/2010 sa 12/12/2010. Huma dawn il-perjodi li fihom saru dawn l-infrazzjonijiet, kemm mir-radju kif ukoll mit-televizjoni, li f dina l-kawza l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni meta tigi biex tiddeciedi jekk it-talbiet tar-rikorrenti humiex preskritti jew le.

“Kienet saret ittra ufficjali fil-15 ta Lulju 2008 kontra l-intimati u notifikata fil-21 ta' Lulju 2008, kif ukoll Protest Gudizzjarju prezentat fil-14 ta' Dicembru 2010 u notifikat fis-16 ta' Dicembru 2010.

“Issa fir-rigward tat-trasgressjonijiet li saru fin-2009 u 2010 dawn mhumiex koperti minn din l-ittra ufficjali prezentata fl-Lulju 2008 billi t-trasgressjonijiet saru wara dik l-ittra.

"Fir-rigward tal-Protest, dan gie prezentat f'Dicembru 2010. Ghalkemm it-trasgressjonijiet saru fil-2009 u 2010 u c-citazzjoni giet prezentata fis-16 ta' Jannar 2012 izda l-Protest jirreferi ghal trasgressjonijiet li saru minn 31 ta' Ottubru 1994 sal-10 ta' Gunju 2005 u waqt li tirreferi ghal dan il-perjodu, is-socjeta rikorrenti talbet lis-socjeta intimata biex tersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni. Huwa veru li s-socjeta rikorrenti zammet lis-socjeta intimata responsabbili ghad-danni addizzjonali li kienet qed tikkawzalha minhabba l-kontinwazzjoni tat-trasgressjonijiet u nuqqas ta' applikazzjoni ghall-licenza, izda l-Protest jirreferi ghall perjodu specifiku u ghalhekk il-protest ma jistax japplika biex jinterrompi preskrizzjoni ghal perjodu li mhux specifikat u indikat fl-istess protest.

"It-trasgressjonijiet imsemmija a fol. 86 sa 89 Dok. CB 1 u CB2 ikopru l-perjodu milli 5/4/2009 u 19/6/2009 u minn 1/12/2010 sa 12/12/2010. Isssa l-kawza giet prezentata fis-16 ta'Jannar 2012. Ghalhekk il-preskrizzjoni tapplika biss fil-konfront tadawn it-trasgressjonijiet li saru qabel is-16 ta' Jannar 2010. Il-perjodu preskrittiv tat-tragressjonijiet wara dak id-data gie interott bil-prezentata tac-citazzjoni.

"Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma preskritti hlief ghal-perjodu wara 16 ta' Jannar 2010.

"Ghal kompletezza l-Qorti tirreferi ghal kawza msemmija mill-attur nomine Citaz. 1870/1998 deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Lulju 2010 fejn hemm l-istess socjeta nghatat danni ghal infrazzjonijiet limitament ghall-istazzjon tar-radju li fuqu kienet mibnija l-kawza, liema infrazzjonijiet kienu ikopru bejn l-1 ta' Jannar 1995 u 31 ta' Dicembru 1998. Kwindi l-effetti ta' dik il-kawza mhux rilevanti ghal finijiet tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni f'din il-kawza."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

"… … illi filwaqt tirrevoka u thassar is-sentenza preliminari appellata, tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` appellata u tirrimetti l-atti lura lill-ewwel Onorabbli Qorti sabiex jitkompla s-smiegh tal-kawza."

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

> "… … tichad l-appell tas-socjeta` appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju 2014 inkwantu laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-esponenti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob hlas ta' danni wara li, skont hi, is-socjeta` konvenuta qed iddoqq jew tippermetti li jindaqq muzika bi ksur tad-drittijiet tal-attur fix-xoghlijiet muzikali vestiti fis-socjeta` attrici, u dan fuq l-istazzjonijiet tar-radju u tat-televizjoni taghha. Is-socjeta` konvenuta eccepiet preliminarjament il-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili u ta' hames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-istess Kodici. L-ewwel Qorti qieset li t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli hu dak ta' sentejn skont l-Artikolu 2153 imsemmi, u laqghet in parte l-imsemmija eccezzjoni.

Is-socjeta` attrici appellat u tqis li l-artikolu invokat mhux applikabbli ghal kaz. Tissottometti li talba ghad-danni, kif prevista minnha, hija azzjoni ghad-danni *ad hoc* u *sui generis* prevista mill-Kapitoli 415 u 488 tal-Ligijiet ta' Malta. Tissottometti illi f'ligijiet affini, il-Kapitolu 416 dwar it-Trademarks, u l-Kapitolu 417 dwar il-Privattivi Industrijali u d-Disinji, dawn jipprovdu ghal terminu ta' preskrizzjoni ta' hames snin, u fin-nuqqas ta' provvediment simili fil-ligi tal-*copyright*, ghandu allura japplika t-terminu 'relatat' ta' hames snin.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tas-socjeta` attrici. It-termini ta' preskrizzjoni huma meqjusa bhala odjuzi u ta' interpretazzjoni strettissima, u ma jistghux jigu estizi minn kaz ghall-iehor. Mhux lecitu li tigi applikata b'analogija preskrizzjoni specjali f'kazijiet fejn il-legislatur provda espressament ghalhekk. Il-fatt illi ghal-ligijiet relattivi ghat-trademarks u dwar il-privattivi industrijali l-legislatur ipprovda terminu specjali ta' preskrizzjoni, u pprovda wkoll ghad-*dies a quo* relattiv, ma jfissirx illi dawk il-provvedimenti ghandhom japplikaw ukoll ghal-ligi tal-*copyright*. Jekk ghall-azzjoni esperita, il-ligi ma tipprovdix terminu specifiku ta' preskrizzjoni, il-Qorti ma tistax tapplika perjodu preskrittiv minn ligi ohra, izda l-materja ghandha tkun regolata skont il-ligi generali.

L-azzjoni hija wahda ghad-danni, pur u semplici, u ma tarax li ghaliha m'ghandux jigi applikat l-Artikolu 2153 li jitkellem b'mod generali ghal kull azzjoni *"ghall-hlas ta' hsarat"*. Darba li l-materja hi milquta b'terminu ta' preskrizzjoni, l-Artikolu 2143, li jippreskrivi terminu generali ta' tletin sena, mhux applikabbli.

Hu minnu li f'ligijiet ohrajn ta' tharis ta' proprjeta` intellettwali l-perjodu ta' preskrizzjoni gie limitat ghal hames snin, pero`, fil-ligi invokata ma sarx l-istess. Dan seta' sar bi zvista jew intenzjonalment, pero`, il-Qorti ma tistax tispekula fuq l-intenzjoni tal-legislatur meta l-ligi relattiva hija skarna dwar dan. Li kieku l-legislatur ried jimponi terminu ta' preskrizzjoni identiku ghat-tliet materji, seta' jaghmlu liberament, imma f'dan il-kaz m'ghamlux.

Ghall-bqija din il-Qorti tikkondividi l-hsieb tal-ewwel Qorti kif traccjat fis-sentenza taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` attrici, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez relattivi, anke dawk in prim istanza, jithallsu mis-socjeta` attrici appellanti.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------